# Kelmtejn Mill-Caritas Malta Epilepsy Association



**Tel: 23402845, 27436442, 21233933** **email: janet.mifsud@um.edu.mt**
**Fax: 21320281** **zenit@onvol.net**



**Gunju 2009** **Nru. 34**

**Web-site: www.caritasmalta.org/epilepsy**


## L-EPILESSIJA U STILI TA' HAJJA

Bejn wiehed u iehor 80% tal-persuni bl-epilessija ikollhom kontroll tal-accessjonijiet bil-metodu konvenzjonali bhal medicini kontra l-accessjonijiet, kif ukoll jekk jippruvaw jevitaw fatturi li jistghu jipprovokaw accessjoni. Dan qed jghiduh in-National Institute of Neurological Disorders and Stroke (NINDS).

Madankollu, xi whud min-nies jinsew jew ghal xi raguni ma jihdux il-medicina meta suppost jew inkella jkollhom diffikulta' jaghrfu meta tkun gejja accessjoni. L-epilessija tista' tikkawza diffikulta' kbira fil-hajja tal-persuna, imma dan jiddependi skond il-qawwa u frekwenza tal-accessjonijiet.

### FTIT KONSIDERAZZJONIJIET KOMUNI GHALL-PERSUNI BL-EPILESSIJA JINKLUDU:

- Restrizzjonijiet dwar impjiegi. Il-Ligi li harget fis-sena 2000 dwar id-dizabbilta', tghin lil dawn il-persuni biex ma jigux diskriminati fuq il-post tax-xoghol. Biss tajjeb nghidu li certi tipi ta' xoghol (ez. Pilota u Fireman) mhumiex addattati ghall persuni li ghandhom l-epilessija, tkun kontrollata kemm tkun.

- Restrizzjoni fis-sewqan. Bosta stati jaghmlu certi restrizzjonijiet ghal dawn in-nies pero' kultant ikun hemm xi tip ta' eccezzjoni. Il-perjodu li fih dawn in-nies ma jkunux jistghu jsuqu ivarja minn ftit xhur sa ftit snin. Tajjeb nghidu li persuna tkun tista' ssuq jekk tkun ilha ma jkollha accessjoni ghal sena shiha.

- Limitazzjoni fil-passatemp. Hafna persuni li ghandhom l-epilessija joqoghdu ftit lura biex jippartecipaw f'xi sport jew xi tip ta' passatemp iehor. Hafna tobba jaqblu li l-beneficcji tal-attivitajiet socjali kif ukoll rekreazzjonali jeghlbu r-riskji li jiltaqghu maghhom, ghalkemm f'certi kazi jridu jiehdu xi prekawzjonijiet.

- Diffikultajiet fil-hajja sesswali. Certi persuni li ghandhom din il-kundizzjoni jistgha' wkoll jiffaccjaw problemi fil-hajja sesswali taghhom. Parir minghand it-tabib kompetenti f'dan il-qasam jghin biex jinghelbu dawn id-diffikultajiet

In-nisa li ghandhom din il-kundizzjoni jistghu jiffaccjaw xi tibdil fil-frekwenza tal-accessjonijiet waqt perjodu ta' puberta', period u menopawza.

Tfal li ghandhom din il-kundizzjoni ghandhom ikunu mghallma kif ikunu responsabbli ghall-medicini. Genituri ta' dawn it-tfal ghandhom ihallu lil uliedhom jiehdu sehem f'kull attivita' bhal tfal normali. Jekk ma jaghmlux hekk, tfal b'din il-kundizzjoni ma jkunux kapaci jiffaccjaw il-hajja kemm issa kif ukoll meta jikbru.

Kultant il-medicini (AED's) jisghu' jkollhom effetti daqsxejn gravi fuq nies anzjani fis-sens li ma jahdmux sew fuqhom, u ghalhekk ma jkunux jistghu jghixu hajja indipendenti.

Pazjenti, careworkers jew familjari isibuha ta' beneficcju kbir jekk jinghaqdu f'xi support group, jew jattendu ftit counselling. Meta tiftah qalbek u titkellem ma nies li qed jesperjenzaw l-istess kundizzjoni thossok ahjar.

## Avvizi:

### In-Service Course

Ghal darb'ohra l-assocjazzjoni taghna se terga tniedi l-"In-service course" ghall-ghalliema u LSA's fl-Lulju li gej. Rega' ghandna konkorrenza sabiha ghal dan il-"course" u dan jurina kemm ghad hawn nies li jinteresahom li jitghallmu fuq l-epilessija u kif timmaniggjaha.

### Rapprezentazzjoni fl' IBE

Huwa ta' unur ghalina nhabbru li l-advisor taghna Dr. Janet Mifsud giet eletta bhala Vici President tal-International Bureau of Epilepsy (IBE) filwaqt li s-segretarja Victoria Dimech giet eletta bhala membru fil Kumitat Ezekuttiv tar-Regjun ta' l-Ewropa ta' l-istess IBE. Nawgurawlhom hidma siewja f'dawn il-pozizzjonijiet hekk prestiggjuzi

### Laqgha mal- E.T. l-President ta' Malta

Fit -22 ta' Gunju l-kumitat tal-CMEA gie mistieden ghal laqgha ta' kortesija mal-E.T. l-President ta' Malta Dr. George Abela gewwa l-Palazz il-Belt. Waqt din il-laqgha l-President gie mgharraf bix-xoghol li CMEA qed twettaq u dwar xi problemi li nies bl-epilessija jhabbtu wicchom maghhom. L-E.T. Dr. Abela wera interess kbir fuq il-kundizzjoni u esprima s-sapport tieghu. Hu wieghed li se jghamel dak li hu possibbli biex ikun ta' ghajnuna ghall-NGO's Kollha f'Malta.

### Dati tal-laqghat li jmiss:

Il-Gimgha 10 ta' Lulju 2009
Il-Gimgha 11 ta' Sett. 2009
Il-Gimgha 13 ta' Nov. 2009

Il-Hin dejjem fis 6.oo p.m.